MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 1264/2007

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali**

**vs**

**James Zammit**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali, fejn dan wara li ppremetta illi:

Fis-16 ta' Lulju 2007, din l-Onorabbli Qorti akkordat il-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1047/07 mahrug minn Stanislao Cassar kontra James Zammit.

Nonostante l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni surreferit debitament notifikat lilu fl-20 ta' Lulju 2007, l-intimat baqa' jghaddi l-ingenji tieghu fuq l-art ta' Stanislao Cassar, u

dana kontra l-ordni mahruga lilu mill-Qorti u b'hekk saret it-talba sabiex jittiehdu l-proceduri opportuni.

Permezz ta' rikors ipprezentat fit-30 ta' Lulju 2007, l-imsemmi Stanislao Cassar gab dan kollu ghall-konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti u talab li din l-Onorabbli Qorti tordna li jibdew kontra s-socjeta' intimata proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita' taghha ai termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12.

B'digriet tal-14 ta' Awissu 2007, din l-Onorabbli Qorti, wara illi semghet il-provi u x-xhieda riprodotti quddiemha, laqghet it-talba tar-rikorrenti.

Ghalhekk qeghda ssir din il-kawza.

Talab l-attur jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Issib lil James Zammit hati ta' disprezz ghall-awtorita' taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

Konsegwentement tikkundanna lill-istess James Zammit ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Rat ir-risposta ta' James Zammit fejn dan eccepixxa illi:

Preliminarjament jirrileva bir-rispett illi peress din il-Qorti kif presjeduta diga' espremiet opinjoni meta ddecidiet li jinbdew dawn il-proceduri, hemm lok ghar-rikuza skond il-ligi.

Preliminarjament ukoll l-azzjoni tal-attur hija legalment preskritta.

F'kaz it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi billi l-eccipjent m'huwiex hati ta' disprezz lejn l-awtorita' ta' din il-Qorti billi fl-ewwel lok huwa ma kiser ebda dispozizzjoni tal-ligi u f'kull kaz huwa ma marx kontra l-ordni tal-Qorti kif allegat.

Ghalhekk l-esponent ghandu jigi liberat mill-akkuza bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kollha.

Semghet lill-intimat jixhed viva voce.

Semghet lid-difensuri jitrattaw.

Ikkunsidrat illi din hija azzjoni ghal disprezz li d-Direttur tal-Qrati beda peress illi allegatament l-intimat kiser ordni tal-Qorti kontenuta f'mandat ta' inibizzjoni.

Il-mandat de quo intlaqa' provissorjament fis-16 ta' Lulju 2007, u gie revokat fl-14 ta' Awissu 2007.

Ma ngiebet lil din il-Qorti ebda prova li effettivament ir-rikorrenti ghamel xi xogholijiet kontra dik l-ordni bejn is-16 ta' Lulju 2007 u l-14 ta' Awissu 2007. Issa kif qalet din il-Qorti, diversament presjeduta fil-kawza "Direttur tal-Qrati Civili vs Joseph Brincat" (Imhallef J. R. Micallef).

"Xilja ta' disprezz iggib maghha l-htiega li min qieghed jaghmel dik ix-xilja ikun irid ukoll jipprova l-fehma (intenzjoni) tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u, b'konsegwenza ta' hekk, l-awtorita' taghha".

Dan kollu, partikolarment in vista tan-natura partikolari tal-kawza, u cioe' in-natura penali taghha, iwasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li d-Direttur ma rnexxilux jipprova l-fatt minghajr dubju ragjonevoli.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti Direttur tal-Qrati, Civili u Tribunali.

L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------